## FIL-BERAH TAR-RABA'.

*Ave Marija! Jaslu t-tokki ħiemda*
*Tal-qniepen imbegħdin,*
*Jiegfu mill-ħrit il-bdiewa, u jistrieħu*
*Is-sikka u l-barrin.*

*U l-bdiewa żgħażagħ jinżlu għarkobbtejhom*
*Fuq l-artab tal-ħamrija,*
*Ix-xjuħ jitwieżnu magħhom u jitolbu*
*Bil-ħrara lil Marija.*

*U tisma' x-xjuħ jitolbu b'leħen kiebi*
*"......Fis-siegħa tal-mewt tagħna......"*
*Iħossu l-waqt li għad irid jifridhom*
*Mill-bdiewa żgħar, daħkana.*

*Tara titgerbeb minn għajnejhom safja,*
*Demgħa li tleqq fid-dija*
*Tax-xemx li nieżla, ħamra-nar, minn wara*
*L-għoljiet bin-ngħaġ mimlija.*

*Bin-ngħaġ li għadhom jirgħu! X'dehra sbejħa!*
*Is-sliem għalik Marija!*
*Anqas Millet ma ra fi Franza tiegħu,*
*Dil-ġenna ta' sbuħija.*

14-1-51. P. Marianus Vella O.F.M.

## ZELL-AM-SEE

*Ġo l-Awstrja, ħdejn Salzbug*
*Jinstab raħal daħkan,*
*Ħdejn lag, qalb il-muntanji,*
*Zell-am-See l-isem ta' dan.*
*Jien midneb u l-Ġenna,*
*Naf illi mhix għalija,*
*Iżda jekk xi ħaġa ħaqqni*
*Daqsxejn bħala tpattija,*
*Xi ħaġa tal-paċenzja*
*Illi bin-nies jien ħadt,*
*Talli żammejt ilsieni*
*U ma bgħattx lil kulħadd,*

*Fejn sewwa sew kien lilhom*
*Jisthoqqilhom imorru,*
*U minflok qgħadt nismagħhom*
*Jien, bis-sabar, igorru.*
*Ta' dan, Sinjur, nitolbok,*
*Kulltant jumejn liv tini,*
*Mill-post fejn inkun qiegħed,*
*Post fejn mhemmx biskuttini.*
*Ħallini nerġa' niġi*
*Fil-pjazza, f'xi kafe,*
*Fil-lag jew fil-muntanji,*
*Tal-ħelu Zell-am-See.*

E. Agius.